SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

4 ta' Ottubru 2024*

"Appell – Protezzjoni ta' denominazzjonijiet ta' oriġini u ta' indikazzjonijiet ġeografiċi – Regolament (UE) Nru 1151/2012 – Artikoli 7 u 8 – Artikolu 49(2) u Artikolu 50(1) – Portata tal-kontroll tal-Kummissjoni Ewropea fuq l-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni ta' isem bħala indikazzjoni ġeografika – Tqassim tal-kompetenzi bejn l-awtoritajiet nazzjonali u l-Kummissjoni – Kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni ta' isem"

Fil-Kawża C-579/23 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, imressaq fid-19 ta' Settembru 2023,

Cunsorziu di i Salamaghji Corsi – Consortium des Charcutiers Corses, stabbilita f'Borgo (Franza),

Charcuterie Fontana, stabbilita f'Borgo,

Costa et Fils, stabbiliti f'Urtaca (Franza),

L'Aziana, stabbilita f'Bastelica (Franza),

Charcuterie Passoni, stabbilita f'Venzolasca (Franza),

Orezza – Charcuterie la Castagniccia, stabbilita f'San-Giuliano (Franza),

Salaisons Réunies, stabbiliti f'Penta-di-Casinca (Franza),

Salaisons Joseph Pantaloni, stabbiliti f'Sarrola-Carcopino (Franza),

Antoine Semidei, stabbilit f'Castellare-di-Casinca (Franza),

L'Atelu Corsu, stabbilita f'Ajaccio (Franza),

irrappreżentati minn T. de Haan u V. Le Meur-Baudry, avocats,

appellanti,

il-parti l-oħra fil-kawża li hija:

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn M. Konstantinidis, C. Perrin u B. Rechena, bħala aġenti,

konvenuta fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn A. Arabadjiev, President tal-Awla, T. von Danwitz, P. G. Xuereb, A. Kumin u I. Ziemele (Relatriċi), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Campos Sánchez-Bordona,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-27 ta' Ġunju 2024,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tal-appell tagħhom, l-appellanti jitolbu l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tat-12 ta' Lulju 2023, Cunsorziu di i Salamaghji Corsi – Consortium des Charcutiers Corses *et* vs Il-Kummissjoni (T-34/22, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata", EU:T:2023:386), li permezz tagħha din ċaħdet ir-rikors tagħhom intiż għall-annullament tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1879 tas-26 ta' Ottubru 2021 li tirrifjuta tliet applikazzjonijiet għall-protezzjoni ta' isem bħala indikazzjoni ġeografika f'konformità mal-Artikolu 52(1) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("Jambon sec de l'Île de Beauté" (IĠP), "Lonzo de l'Île de Beauté" (IĠP), "Coppa de l'Île de Beauté" (IĠP)) (ĠU 2021, L 383, p. 1, iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni kontenzjuża").

Il-kuntest ġuridiku

2 Il-premessi 19, 58 u 61 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU 2012, L 343, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2013, L 55, p. 27, fil-ĠU 2015, L 191, p. 10 u fil-ĠU 2019, L 216, p. 40), huma fformulati kif ġej:

"(19) Li fl-Unjoni [Ewropea] kollha jiġi żgurat rispett uniformi għad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali marbutin ma' ismijiet li huma protetti fl-Unjoni huwa prijorità li tista' tintlaħaq b'mod aktar effettiv fil-livell tal-Unjoni.

[…]

(58) Sabiex ikun żgurat li l-ismijiet irreġistrati ta' denominazzjonijiet tal-oriġini u ta' indikazzjonijiet ġeografiċi kif ukoll ta' speċjalitajiet tradizzjonali garantiti jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti b'dan ir-Regolament, l-applikazzjonijiet għandhom jiġu eżaminati mill-awtoritajiet nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat, f'konformità ma' dispożizzjonijiet minimi komuni, li jinkludu proċedura ta' oppożizzjoni nazzjonali. Sussegwentement, il-Kummissjoni [Ewropea] għandha teżamina bir-reqqa l-applikazzjonijiet biex tiżgura li ma jkun hemm l-ebda żball evidenti u li jkun ittieħed kont tal-liġi tal-Unjoni u tal-interessi tal-partijiet interessati barra l-Istat Membru tal-applikazzjoni.

[…]

(61) Il-proċedura tar-reġistrazzjoni għad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini, l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti u l-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti, inklużi l-perijodi tal-iskrutinju u tal-oppożizzjoni, għandha titqassar u titjieb, b'mod partikolari fir-rigward tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Il-Kummissjoni, megħjuna f'ċerti ċirkostanzi mill-Istati Membri, għandha tkun responsabbli għat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar ir-reġistrazzjoni. […]"

3 It-titolu II tar-Regolament Nru 1151/2012, intitolat "Denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti", jinkludi l-Artikolu 6, li min-naħa tiegħu huwa intitolat "Natura ġenerika, konflitti ma' ismijiet ta' varjetajiet ta' pjanti u ta' razez ta' annimali, ma' omonimi u ma' trade marks", li jipprovdi, fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 3 tiegħu:

"Isem propost għar-reġistrazzjoni li huwa kompletament jew parzjalment omonimu ma' isem li jkun diġà ddaħħal fir-reġistru stabbilit taħt l-Artikolu 11 ma jistax jiġi rreġistrat sakemm ma jkunx hemm distinzjoni suffiċjenti fil-prattika bejn il-kondizzjonijiet tal-użu lokali u tradizzjonali u l-preżentazzjoni tal-omonimu li jkun ġie rreġistrat wara u l-isem ikun diġà ddaħħal fir-reġistru, b'kont meħud tal-ħtieġa li jkun żgurat trattament ekwu tal-produtturi kkonċernati u li l-konsumaturi ma jiġux żgwidati."

4 L-Artikolu 7(1) ta' dan ir-regolament, intitolat "Speċifikazzjoni tal-prodott", jindika:

"Denominazzjoni protetta tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta, għandha tkun konformi ma' speċifikazzjoni li għandu jkun fiha mill-inqas:

a) l-isem li għandu jiġi protett bħala denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika, kif jintuża, kemm jekk fil-kummerċ kif ukoll jekk fil-lingwaġġ komuni, u bil-lingwi biss li huma jew li kienu storikament użati biex jiddeskrivu l-prodott speċifiku fiż-żona ġeografika ddefinita;

[…]"

5 L-Artikolu 8(1)(b) tal-imsemmi regolament jipprovdi, b'mod partikolari, li applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' indikazzjoni ġeografika għandha tinkludi tal-inqas l-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott previsti fl-Artikolu 7.

6 Skont l-Artikolu 11(1) tal-istess regolament:

"Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni […] i jistabbilixxu u jipprovdu għaż-żamma ta' reġistru aġġornat u aċċessibbli għall-pubbliku, tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti rrikonoxxuti taħt din l-iskema."

7 L-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 1151/2012, intitolat “Protezzjoni”, jipprovdi:

“1. L-ismijiet irreġistrati għandhom ikunu protetti kontra:

[…]

b) kwalunkwe użu skorrett, imitazzjoni jew evokazzjoni, anke jekk l-oriġini vera tal-prodotti jew tas-servizzi hija indikata jew jekk l-isem protett huwa tradott jew akkumpanjat b’espressjoni bħal ‘stil’, ‘tip’, ‘metodu’, ‘kif prodott fi’, ‘imitazzjoni’ jew xi espressjoni simili, inkluż il-każ meta dawk il-prodotti jintużaw bħala ingredjent;

[…]

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu passi amministrattivi u ġudizzjarji adatti biex jimpedixxu jew iwaqqfu l-użu illegali ta’ denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u ta’ indikazzjonijiet ġeografiċi protetti, kif imsemmi fil-paragrafu 1, li huma prodotti jew kummerċjalizzati f’dak l-Istat Membru.

Għal dak il-għan l-Istati Membri għandhom jaħtru l-awtoritajiet li jkunu responsabbli li jieħdu dawn il-passi f’konformità mal-proċeduri determinati minn kull Stat Membru individwali.

Dawn l-awtoritajiet għandhom joffru garanziji adegwati ta’ oġġettività u imparzjalità, u għandhom ikollhom għad-dispożizzjoni tagħhom il-persunal kwalifikat u r-riżorsi meħtieġa biex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom.”

8 L-Artikolu 49 ta’ dan ir-regolament, intitolat “Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta’ ismijiet”, jippreċiża:

“[…]

2. Fejn l-applikazzjoni taħt l-iskema stabbilita fit-Titolu II tkun relattiva għal żona ġeografika fi Stat Membru, jew fejn applikazzjoni taħt l-iskema stabbilita fit-Titolu III tkun imħejjija minn grupp stabbilit fi Stat Membru, l-applikazzjoni għandha tiġi indirizzata lill-awtoritajiet ta’ dak l-Istat Membru.

L-Istat Membru għandu jiskrutinja bir-reqqa l-applikazzjoni b’mezzi adatti sabiex jivverifika li din hija ġġustifikata u li tissodisfa l-kondizzjonijiet tal-iskema rispettiva.

3. Bħala parti mill-iskrutinju msemmi fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2 ta’ dan l-Artikolu, l-Istat Membru għandu jagħti bidu għal proċedura ta’ oppożizzjoni nazzjonali li tiżgura pubblikazzjoni adegwata tal-applikazzjoni u li tipprovdi għal perijodu raġonevoli taż-żmien li matulu kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li jkollha interess leġittimu u li tkun stabbilita jew residenti fit-territorju tiegħu tkun tista’ tressaq oppożizzjoni għall-applikazzjoni.

[…]

4. Jekk, wara li jivvaluta kull oppożizzjoni li jkun irċieva, l-Istat Membru jqis bħala li ġew sodisfatti r-rekwiżiti ta’ dan ir-Regolament, huwa jista’ jieħu deċiżjoni favorevoli u jippreżenta dossier ta’ applikazzjoni lill-Kummissjoni. F’ tali każ huwa għandu jinforma lill-Kummissjoni bl-oppożizzjonijiet ammissibbli riċevuti minn xi persuna naturali jew ġuridika li tkun legalment

ikkummerċjalizzat il-prodotti inkwistjoni, bl-użu tal-ismijiet ikkonċernati b'mod kontinwu għal mill-anqas ħames snin qabel id-data tal-pubblikazzjoni msemmija fil-paragrafu 3.

[…]"

9 L-Artikolu 50 tal-imsemmi regolament, intitolat "Skrutinju mill-Kummissjoni u pubblikazzjoni għal oppożizzjoni", jipprovdi:

"1. Il-Kummissjoni għandha tiskrutinja b'mezzi adatti kwalunkwe applikazzjoni li tirċievi taħt l-Artikolu 49, sabiex tivverifika li din tkun iġġustifikata u li tissodisfa l-kondizzjonijiet tal-iskema rispettiva. Dan l-iskrutinju ma għandux jieħu iktar minn sitt xhur. Fejn jinqabeż dan il-perijodu, il-Kummissjoni għandha tindika bil-miktub lill-applikant ir-raġunijiet għad-dewmien.

[…]

2. Meta, abbażi tal-iskrutinju li jsir taħt l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, il-Kummissjoni tqis bħala li ġew sodisfatti li l-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament, hi għandha tippubblika f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea:

a) għall-applikazzjonijiet taħt l-iskema stipulata fit-Titolu II, id-dokument uniku u r-referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott;

[…]"

10 L-Artikolu 52 tal-istess regolament, intitolat "Deċiżjoni dwar ir-reġistrazzjoni", jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Fejn, abbażi tal-informazzjoni disponibbli lill-Kummissjoni mill-iskrutinju li jsir taħt l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 50(1), il-Kummissjoni tqis bħala mhux sodisfatti l-kondizzjonijiet għar-reġistrazzjoni, hija għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jirrifjutaw l-applikazzjoni. […]"

Il-fatti li wasslu għall-kawża

11 Il-fatti li wasslu għall-kawża ġew miġbura fil-qosor fil-punti 4 sa 10 tas-sentenza appellata kif ġej:

"4 L-ismijiet 'Jambon sec de Corse'/'Jambon sec de Corse – Prisuttu', 'Lonzo de Corse'/'Lonzo de Corse – Lonzu' u 'Coppa de Corse'/'Coppa de Corse – Coppa di Corsica' ġew irreġistrati bħala denominazzjonijiet ta' oriġini protetti (DOP) fit-28 ta' Mejju 2014, rispettivament bir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 581/2014 (ĠU 2014, L 160, p. 23), (UE) Nru 580/2014 (ĠU 2014, L 160, p. 21) u (UE) Nru 582/2014 (ĠU 2014, L 160, p. 25) […]

5 Fix-xahar ta' Diċembru 2015, il-[Cunsorziu di i Salamaghji Corsi – Consortium des Charcutiers Corses] ippreżenta seba' applikazzjonijiet għal reġistrazzjoni bħala indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (IĠP) quddiem l-awtoritajiet nazzjonali Franċiżi, skont ir-Regolament [Nru 1151/2012]. Is-seba' applikazzjonijiet jikkonċernaw l-ismijiet segwenti, li jintużaw mir-rikorrenti: 'Jambon sec de l'Île de Beauté', 'Coppa de l'Île de Beauté', 'Lonzo de l'Île de Beauté', 'Saucisson sec de l'Île de Beauté', 'Pancetta de l'Île de Beauté', 'Figatelli de l'Île de Beauté' u 'Bulagna de l'Île de Beauté'.

6 Fl-20 ta' April 2018, il-Ministru għall-Agrikoltura u għall-Ikel u l-Ministru għall-Ekonomija u għall-Finanzi adottaw seba' digrieti li japprovaw is-seba' speċifikazzjonijiet korrispondenti bil-għan li jintbagħtu lill-Kummissjoni Ewropea għall-approvazzjoni.

7 Parallelment, permezz ta' rikorsi ppreżentati fis-27 ta' Ġunju 2018 quddiem il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, Franza), is-sindakat detentur tal-ispeċifikazzjonijiet tad-DOP 'Jambon sec de Corse – Prisuttu', 'Coppa de Corse – Coppa di Corsica' u 'Lonzo de Corse – Lonzu' talab l-annullament tad-digrieti tal-20 ta' April 2018 dwar l-approvazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tal-ismijiet 'Jambon sec de l'Île de Beauté', 'Coppa de l'Île de Beauté' u 'Lonzo de l'Île de Beauté' sabiex jintbagħtu l-applikazzjonijiet tagħhom għal reġistrazzjoni bħala IĠP lill-Kummissjoni, minħabba b'mod partikolari l-fatt li t-terminu 'Île de Beauté' kien jimita jew jevoka t-terminu 'Corse' u għaldaqstant kien jagħti lok għal konfużjoni mal-ismijiet diġà rreġistrati bħala DOP.

8 Fis-17 ta' Awwissu 2018, is-seba' applikazzjonijiet għal reġistrazzjoni bħala IĠP tal-ismijiet inkwistjoni ntbagħtu lill-Kummissjoni. Fir-rigward tal-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni bħala IĠP tal-ismijiet 'Jambon sec de l'Île de Beauté', 'Lonzo de l'Île de Beauté' u 'Coppa de l'Île de Beauté', il-Kummissjoni bagħtet żewġ ittri, fit-12 ta' Frar 2019 u fl-24 ta' Novembru 2020, lill-awtoritajiet nazzjonali fejn talbet kjarifiki, b'mod partikolari fir-rigward tal-kwistjoni tal-ineliġibbiltà possibbli tagħhom għar-reġistrazzjoni. L-awtoritajiet nazzjonali wieġbu, essenzjalment, li huma qiesu li ż-żewġ gruppi ta' prodotti (jiġifieri d-DOP irreġistrati u l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni bħala IĠP) kienu evidentement differenti fir-rigward tal-prodotti u li l-ismijiet dehru li kienu distinti biżżejjed għalihom.

9 Permezz ta' sentenza tad-19 ta' Diċembru 2019, dwar l-isem 'Jambon sec de l'Île de Beauté' (IĠP), u żewġ sentenzi tat-13 ta' Frar 2020, dwar rispettivament l-ismijiet 'Coppa de l'Île de Beauté' (IĠP) u 'Lonzo de l'Île de Beauté' (IĠP), il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) ċaħad it-tliet rikorsi ċċitati iktar 'il fuq (ara l-punt 7 iktar 'il fuq), minħabba, b'mod partikolari, li 'l-użu ta' termini differenti u d-differenza fil-protezzjoni mogħtija minn denominazzjoni ta' oriġini, minn naħa, u minn indikazzjoni ġeografika, min-naħa l-oħra, huma ta' natura li jeskludu r-riskju li konsumaturi normalment informati u raġonevolment attenti u avżati jkollhom, fil-preżenza tal-indikazzjoni ġeografika kkontestata, direttament f'moħħhom, bħala immaġni ta' referenza, il-beni li jibbenefikaw mid-denominazzjoni ta' oriġini protetta diġà rreġistrata [;] konsegwentement, ir-rikorrenti ma humiex iġġustifikati li jsostnu li d-digriet ikkontestat jikser id-dispożizzjonijiet […] tal-Artikolu 13(1)(b) tar-Regolament [Nru 1151/2012]' (punt 5 tat-tliet sentenzi tal-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat).

10 Permezz tad-deċiżjoni [kontenzjuża], il-Kummissjoni ċaħdet it-tliet l-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni tal-ismijiet 'Jambon sec de l'Île de Beauté', 'Lonzo de l'Île de Beauté' u 'Coppa de l'Île de Beauté' bħala IĠP minħabba li dawn kienu ntużaw bi ksur tal-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 1151/2012, minħabba l-fatt li l-imsemmija applikazzjonijiet ma kinux josservaw il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għal reġistrazzjoni, jiġifieri l-Artikolu 7(1)(a) tal-imsemmi regolament."

Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

12 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-24 ta' Jannar 2022, l-appellanti ppreżentaw rikors li kellu bħala suġġett talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni kontenzjuża.

13 Insostenn tar-rikors tagħhom, l-appellanti invokaw żewġ motivi bbażati, minn naħa, fuq il-fatt li l-Kummissjoni marret lil hinn mill-kompetenzi tagħha kif ukoll, min-naħa l-oħra, fuq il-fatt li l-awtoritajiet nazzjonali u l-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) kienu stabbilixxew b'mod suffiċjenti l-konformità mal-Artikoli 7 u 13 tar-Regolament Nru 1151/2012 tat-tliet applikazzjonijiet għal reġistrazzjoni miċħuda mid-Deċiżjoni kontenzjuża.

14 Fl-ewwel lok, wara li esponiet, qabelxejn, fil-punti 21 sa 24 tas-sentenza appellata, il-prinċipji li fuqhom hija bbażata s-sistema ta' protezzjoni tad-DOP u tal-IĠP stabbilita mir-Regolament Nru 1151/2012, il-Qorti Ġenerali fakkret, fil-punt 38 ta' din is-sentenza, li hija l-Kummissjoni, skont l-Artikolu 52(1) ta' dan ir-regolament, li għandha tirrifjuta reġistrazzjoni jekk hija tqis bħala illegali l-użu fil-kummerċ tal-isem li għalih tintalab ir-reġistrazzjoni.

15 Sussegwentement, fil-punti 42 sa 44 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali indikat li l-Kummissjoni kellha marġni ta' evalwazzjoni awtonoma fil-kuntest tal-eżami tal-applikazzjonijiet għal reġistrazzjoni. Il-Qorti Ġenerali kkonstatat, fil-punt 49 ta' din is-sentenza, li l-Kummissjoni kienet effettivament wettqet eżami bir-reqqa tal-applikazzjonijiet għal reġistrazzjoni.

16 Fl-aħħar, għar-raġunijiet esposti fil-punti 51 sa 60 tal-imsemmija sentenza, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argumenti li permezz tagħhom l-appellanti sostnew li l-Kummissjoni għandha biss marġni ta' diskrezzjoni limitat, jekk mhux ineżistenti, waqt l-eżami ta' applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' isem bħala DOP jew IĠP.

17 Fit-tieni lok, wara li ċaħdet l-argumenti tal-appellanti intiżi li juru li l-Kummissjoni hija marbuta bl-evalwazzjonijiet tal-awtoritajiet nazzjonali fir-rigward tar-riskju ta' evokazzjoni kkawżat mill-ismijiet li għalihom tintalab ir-reġistrazzjoni, il-Qorti Ġenerali wettqet, fil-punti 78 sa 108 tas-sentenza appellata, l-eżami tal-elementi li fuq il-bażi tagħhom il-Kummissjoni ċaħdet l-applikazzjonijiet inkwistjoni. Minn dan, hija kkonkludiet li l-Kummissjoni ma kinitx wettqet żball ta' evalwazzjoni f'dan ir-rigward.

18 Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors fl-intier tiegħu.

It-talbiet tal-partijiet

19 L-appellanti jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla s-sentenza appellata;

– tannulla d-Deċiżjoni kontenzjuża, u

– tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

20 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tiċħad l-appell u

– tikkundanna lill-appellanti għall-ispejjeż.

Fuq it-talba għal rinviju lill-Awla Manja

21 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-23 ta' Jannar 2024, l-appellanti talbu li din il-kawża tiġi assenjata lil Awla Estiża tal-Qorti tal-Ġustizzja, jew anki lill-Awla Manja.

22 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat qabelxejn li ebda dispożizzjoni tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jew tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja ma tipprevedi t-trattament ta' din it-tip ta' talba min-naħa ta' parti fil-kawża għajr Stat Membru jew istituzzjoni tal-Unjoni, fil-kuntest ta' appell (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Lulju 2014, Leone, C-173/13, EU:C:2014:2090, punt 19).

23 Skont l-Artikolu 60(3) tar-Regoli ta' Proċedura, huwa minnu li l-kulleġġ ġudikanti li ġiet irrinvijata l-kawża quddiemu jista', f'kull stadju tal-proċedura, jitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tassenja mill-ġdid din il-kawża lil kulleġġ ġudikanti ikbar, iżda din hija miżura li l-awla li tkun ġiet assenjata l-kawża lilha għandha tadotta, bħala prinċipju, *ex officio* u b'mod liberu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Lulju 2014, Leone, C-173/13, EU:C:2014:2090, punt 20).

24 F'dan il-każ, l-Ewwel Awla tal-Qorti tal-Ġustizzja tqis li ma hemmx lok li din il-kawża tintbagħat quddiem l-Awla Manja.

Fuq l-appell

25 Insostenn tal-appell tagħhom, l-appellanti jinvokaw erba' aggravji. L-ewwel aggravju huwa bbażat fuq il-ksur tal-Artikoli 7 u 13 tar-Regolament Nru 1151/2012, sa fejn il-Qorti Ġenerali awtorizzat lill-Kummissjoni tiċħad applikazzjoni għal reġistrazzjoni abbażi tal-Artikolu 13 ta' dan ir-regolament. It-tieni aggravju huwa bbażat fuq il-ksur tal-Artikoli 49, 50 u 52 tal-imsemmi regolament, sa fejn il-Qorti Ġenerali awtorizzat lill-Kummissjoni teċċedi l-kompetenzi tagħha. It-tielet aggravju huwa bbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 50 tal-istess regolament, kif ukoll tal-prinċipju ġenerali ta' amministrazzjoni tajba, sa fejn il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-Kummissjoni ma kinitx obbligata tieħu inkunsiderazzjoni l-evalwazzjonijiet tal-awtoritajiet u tal-qrati nazzjonali. Ir-raba' aggravju huwa bbażat fuq il-ksur tal-Artikoli 7 u 13 tar-Regolament Nru 1151/2012 kif ukoll tal-obbligu tal-Qorti Ġenerali li timmotiva s-sentenzi tagħha.

26 Peress li, permezz tat-tieni aggravju tagħhom, l-appellanti jallegaw il-ksur mill-Qorti Ġenerali tar-regoli ta' tqassim tal-kompetenzi bejn l-awtoritajiet nazzjonali, minn naħa, u l-Kummissjoni, min-naħa l-oħra, fil-kuntest tal-eżami tal-applikazzjonijiet għal reġistrazzjoni ta' ismijiet bħala IĠP, għandu l-ewwel jiġi eżaminat dan l-aggravju qabel ma tittieħed deċiżjoni dwar l-ewwel, it-tielet u r-raba' aggravju relatati mal-applikazzjoni tal-kundizzjonijiet meħtieġa għal tali reġistrazzjoni.

Fuq it-tieni aggravju

L-argumenti tal-partijiet

27 Permezz tat-tieni aggravju tagħhom, l-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali, meta ddeċidiet, fil-punt 44 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni ma kinitx eċċediet il-limiti tal-kompetenza tagħha skont ir-Regolament Nru 1151/2012, wettqet żball ta' liġi. Skont l-appellanti, fid-dawl tar-regoli ta' tqassim ta' kompetenzi bejn din l-istituzzjoni u l-awtoritajiet nazzjonali, kif stabbiliti

fl-Artikoli 49(2) u fl-Artikolu 50(1) ta' dan ir-regolament, il-kompetenza tal-Kummissjoni hija limitata, kuntrarjament għal dak li ddeċidiet il-Qorti Ġenerali fil-punti 50 sa 61 tas-sentenza appellata, għall-verifika li l-awtoritajiet nazzjonali jkunu bagħtulha fajls kompleti mingħajr twettiq ta' żbalji manifesti ta' evalwazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà tal-ismijiet imsemmija f'dawn l-applikazzjonijiet. Madankollu, id-Deċiżjoni kontenzjuża ma hijiex ibbażata fuq tali motivi.

28 Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni ma għandhiex tissostitwixxi l-evalwazzjoni tagħha ma' dik tal-awtoritajiet nazzjonali, *a fortiori* meta r-raġuni għal rifjut invokata minn din l-istituzzjoni tkun diġà ġiet miċħuda minn qorti nazzjonali bis-saħħa ta' deċiżjoni li kisbet l-awtorità ta' *res judicata*.

29 Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-argumenti.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

30 L-ewwel nett, skont il-formulazzjoni tal-Artikolu 49(2) tar-Regolament Nru 1151/2012, meta applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' isem bħala IĠP tkun tikkonċerna żona ġeografika fi Stat Membru, din għandha tiġi indirizzata lill-awtoritajiet ta' dan l-Istat Membru, li jeżaminaha permezz tal-"mezzi xierqa" sabiex jiġi vverifikat li din hija ġġustifikata u li tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' reġistrazzjoni previsti mill-imsemmi regolament. L-imsemmi Stat Membru għandu, skont l-Artikolu 49(3) tal-istess regolament, jagħti bidu għal proċedura ta' oppożizzjoni nazzjonali li tiżgura pubblikazzjoni xierqa tal-applikazzjoni u li tipprovdi perijodu raġonevoli li matulu kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li jkollha interess leġittimu u li tkun stabbilita jew residenti fit-territorju tiegħu tkun tista' tressaq oppożizzjoni għall-applikazzjoni.

31 Wara li jkun eżamina l-ammissibbiltà tad-dikjarazzjonijiet ta' oppożizzjonijiet riċevuti, jekk l-Istat Membru jqis li l-applikazzjoni tkun tosserva r-rekwiżiti tar-Regolament Nru 1151/2012, huwa jista', skont l-Artikolu 49(4) ta' dan ir-regolament, jagħti deċiżjoni favorevoli billi jiżgura li din tiġi ppubblikata u li kull persuna li jkollha interess leġittimu jkollha aċċess għal rimedji ġudizzjarji. Fi tmiem din il-fażi nazzjonali, dan l-Istat Membru jippreżenta fajl ta' applikazzjoni lill-Kummissjoni u jinformaha dwar l-oppożizzjonijiet ammissibbli.

32 Skont l-Artikolu 50(1) tar-Regolament Nru 1151/2012, il-Kummissjoni għandha teżamina permezz ta' "mezzi adatti" l-applikazzjoni li hija tirċievi skont l-Artikolu 49 ta' dan ir-regolament, sabiex tivverifika li din hija ġġustifikata u tissodisfa l-kundizzjonijiet tar-reġistrazzjoni tal-isem li għalih saret l-applikazzjoni.

33 Minn dan isegwi li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1151/2012 jistabbilixxu sistema ta' tqassim tal-kompetenzi, li fil-kuntest tagħha l-Kummissjoni tista' tieħu d-deċiżjoni li tirreġistra isem bħala DOP jew bħala IĠP biss jekk l-awtoritajiet tal-Istat Membru kkonċernat ikunu ssottomettewlha applikazzjoni għal dan l-għan, liema applikazzjoni dawn l-awtoritajiet għandhom ikunu vverifikaw li hija ġġustifikata u tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' reġistrazzjoni previsti minn dan ir-regolament (ara, b'analoġija, is-sentenza tas-6 ta' Diċembru 2001, Carl Kühne *et*, C-269/99, EU:C:2001:659, punt 53). Huwa minn din il-perspettiva li l-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat, fil-punt 36 tas-sentenza tad-29 ta' Jannar 2020, GAEC Jeanningros (C-785/18, EU:C:2020:46), li d-deċiżjoni ta' reġistrazzjoni tal-Kummissjoni hija kkundizzjonata mid-deċiżjoni minn qabel meħuda mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali dwar l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni.

34 Barra minn hekk, għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-Kummissjoni tista' tibbaża l-evalwazzjoni tagħha fuq dik magħmula minn qabel mill-awtoritajiet nazzjonali meta din ma tkunx ivvizzjata bi żball manifest (ara, b'analoġija, is-sentenzi tas-6 ta' Diċembru 2001, Carl Kühne *et*, C-269/99, EU:C:2001:659, punt 60, kif ukoll tat-2 ta' Lulju 2009, Bavaria u Bavaria Italia, C-343/07, EU:C:2009:415, punti 90, 93 u 99), hija ma ddeċidietx li l-Kummissjoni hija marbuta bl-evalwazzjoni ta' dawn l-awtoritajiet fir-rigward, b'mod partikolari, tal-kompatibbiltà tal-isem inkwistjoni mad-dritt tal-Unjoni.

35 F'dan ir-rigward, fil-kuntest ta' dan it-tqassim ta' kompetenzi, għandu jiġi rrilevat, minn naħa, li kemm il-formulazzjoni tal-Artikolu 49(2) tar-Regolament Nru 1151/2012 kif ukoll dik tal-Artikolu 50(1) ta' dan ir-regolament jippreċiżaw li għandu jsir eżami tal-applikazzjonijiet għal reġistrazzjoni, kemm mill-awtoritajiet nazzjonali kif ukoll mill-Kummissjoni, permezz ta' "mezzi xierqa". Kif ikkonstatat il-Qorti Ġenerali fil-punt 43 tas-sentenza appellata fir-rigward tal-Artikolu 50(1) tal-imsemmi regolament, din id-dispożizzjoni ma tiddefinixxix il-kunċett ta' "mezzi xierqa", iżda tħalli f'idejn il-Kummissjoni sabiex tevalwa n-natura u l-portata ta' dawn il-motivi, b'mod li l-appellanti ma jistgħux isostnu li l-eżami mwettaq mill-awtoritajiet nazzjonali skont l-Artikolu 49(2) tal-istess regolament jorbot lill-Kummissjoni.

36 Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 50(1) tar-Regolament Nru 1151/2012 jindika li l-Kummissjoni għandha tivverifika jekk l-applikazzjonijiet għal reġistrazzjoni humiex iġġustifikati u jissodisfawx il-kundizzjonijiet meħtieġa minn dan ir-regolament.

37 Bl-ebda mod ma jirriżulta minn din id-dispożizzjoni li l-eżami tal-kundizzjonijiet ta' reġistrazzjoni mill-Kummissjoni huwa limitat, bi kwalunkwe mod, mill-eżami inizjali mwettaq mill-awtoritajiet nazzjonali.

38 Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali ġustament setgħet tiddeċiedi, fil-punt 44 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni ma hijiex marbuta bl-evalwazzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali u li hija għandha, fir-rigward tad-deċiżjoni tagħha li tirreġistra isem bħala IĠP, marġni ta' diskrezzjoni awtonomu. Fil-fatt, kif jirriżulta mill-punt 59 ta' din is-sentenza, il-marġni ta' evalwazzjoni ta' din l-istituzzjoni huwa "limitat jew ineżistenti" biss fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-legalità tad-dokumenti li jikkostitwixxu l-fajl tal-applikazzjoni għal reġistrazzjoni miġbura mill-awtoritajiet nazzjonali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-29 ta' Jannar 2020, GAEC Jeanningros, C-785/18, EU:C:2020:46, punti 25, 26 u 36).

39 It-tieni nett, din is-setgħa ta' evalwazzjoni awtonoma tal-Kummissjoni hija sostnuta, minn naħa, mill-qari tal-premessa 19 tar-Regolament Nru 1151/2012, li tipprovdi li l-garanzija tar-rispett uniformi fl-Unjoni kollha tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali marbuta ma' ismijiet li huma protetti fl-Unjoni hija prijorità li tista' tintlaħaq b'mod iktar effettiv fil-livell tal-Unjoni. Fil-fatt, kif jirrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 63 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-Kummissjoni għandha, fil-kuntest tat-twettiq ta' dan l-għan, is-setgħa li tiżgura l-applikazzjoni uniformi tal-kundizzjonijiet ta' reġistrazzjoni, b'mod li, fl-assenza ta' setgħa ta' evalwazzjoni awtonoma f'dan ir-rigward, din l-istituzzjoni ma tkunx f'pożizzjoni li tipprekludi li dawn il-kundizzjonijiet ta' reġistrazzjoni jiġu applikati b'mod differenti fi ħdan l-Istati Membri.

40 Min-naħa l-oħra, il-premessa 58 tar-Regolament Nru 1151/2012 tippreċiża li l-eżami tal-applikazzjonijiet għandu jsir mill-awtoritajiet nazzjonali, b'osservanza tad-dispożizzjonijiet komuni minimi li jinkludu proċedura nazzjonali ta' oppożizzjoni. Skont din l-istess premessa,

il-Kummissjoni għandha "teżamina bir-reqqa l-applikazzjonijiet biex tiżgura li ma jkun hemm l-ebda żball evidenti u li jkun ittieħed kont tal-liġi tal-Unjoni u tal-interessi tal-partijiet interessati barra l-Istat Membru tal-applikazzjoni".

41 Jekk l-eżami tal-applikazzjonijiet għal reġistrazzjoni mill-Kummissjoni kellu jkun limitat, kif isostnu l-appellanti, għall-verifika tal-kompletezza tal-fajls u tal-assenza ta' żbalji manifesti, din l-istituzzjoni ma tkunx tista' twettaq l-"eżami bir-reqqa" li tipprevedi l-premessa 58 tar-Regolament Nru 1151/2012. Fil-kuntest ta' dan l-eżami, il-Kummissjoni ma tistax tiġi prekluża milli tivverifika l-konformità ta' din l-applikazzjoni mal-kundizzjonijiet ta' reġistrazzjoni stabbiliti minn dan ir-regolament, kif jeżiġi l-Artikolu 50(1) tal-imsemmi regolament. Dan huwa kkorroborat mill-importanza li jagħtu t-termini ta' din il-premessa lill-osservanza kemm mill-applikazzjoni għal reġistrazzjoni kif ukoll mill-awtoritajiet nazzjonali, tar-rekwiżiti komuni minimi li jirriżultaw b'mod partikolari mill-imsemmi regolament.

42 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li, skont il-premessa 61 ta' dan ir-regolament, il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għat-teħid ta' deċiżjonijiet fil-qasam tar-reġistrazzjoni. Din l-istituzzjoni tista' tassumi r-responsabbiltà finali għat-teħid ta' deċiżjoni fil-qasam tar-reġistrazzjoni biss jekk ikollha setgħa ta' evalwazzjoni awtonoma, mingħajr ma tkun marbuta bir-riżultat li jkun wassal għalih l-eżami minn qabel tal-kundizzjonijiet ta' reġistrazzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali.

43 Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta ddeċidiet, fil-punt 44 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni ma kisritx il-limiti tal-kompetenza tagħha meta vverifikat, skont l-Artikolu 50 tar-Regolament Nru 1151/2012, jekk il-kundizzjonijiet ta' reġistrazzjoni ta' isem humiex issodisfatti.

44 Barra minn hekk, hija ġustament qieset, fil-punti 63 u 64 tas-sentenza appellata, li, peress li l-Kummissjoni għandha setgħa ta' evalwazzjoni awtonoma, deċiżjoni ta' qorti nazzjonali li tkun kisbet l-awtorità ta' *res judicata* ma tistax tiġi invokata sabiex tiġi kkontestata l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni.

45 Konsegwentement, it-tieni aggravju għandu jiġi miċħud bħala infondat.

Fuq l-ewwel aggravju

L-argumenti tal-partijiet

46 Permezz tal-ewwel aggravju tagħhom, l-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali, meta ddeċidiet li l-Artikolu 13(1)(b) tar-Regolament Nru 1151/2012 seta' jservi bħala bażi għal deċiżjoni ta' rifjut ta' applikazzjoni għal reġistrazzjoni mill-Kummissjoni, wettqet żball ta' liġi.

47 L-ewwel nett, fil-punt 35 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali qieset, b'mod żbaljat, li l-Kummissjoni hija kompetenti sabiex tivverifika l-eżistenza ta' ksur tal-protezzjoni tal-ismijiet irreġistrati kontra kull evokazzjoni prevista fl-Artikolu 13(1)(b) tar-Regolament Nru 1151/2012, minkejja li l-Artikolu 13(3) ta' dan ir-regolament jirriżerva din il-kompetenza lill-Istati Membri.

48 It-tieni nett, billi pproċediet b'dan il-mod, il-Qorti Ġenerali estendiet in-numru ta' kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għar-reġistrazzjoni previsti fl-Artikolu 7 tal-imsemmi regolament, billi inkludiet b'mod żbaljat l-eżami tar-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 13(1)(b) ta' dan l-istess regolament, jiġifieri li l-isem li għalih tintalab ir-reġistrazzjoni bħala IĠP ma jiksirx il-protezzjoni kontra l-evokazzjoni.

49 It-tielet nett, il-Qorti Ġenerali llimitat ruħha, fil-punti 38 u 39 tas-sentenza appellata, li tivvalida l-affermazzjoni żbaljata tal-Kummissjoni li l-użu fil-kummerċ tal-ismijiet ikkonċernati mill-applikazzjonijiet għal reġistrazzjoni kien illegali, minkejja li din l-istituzzjoni ma kellhiex provi li jippermettulha tevalwa l-kundizzjonijiet li fihom il-prodotti kkonċernati minn dawn l-ismijiet huma kkummerċjalizzati. L-iżball ta' liġi hekk imwettaq mill-Qorti Ġenerali jwassal sabiex tiġi pprojbita kull koeżistenza bejn DOP u IĠP.

50 Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-argumenti.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

51 Skont l-Artikolu 13(1)(b) tar-Regolament Nru 1151/2012, l-ismijiet irreġistrati għandhom jiġu protetti kontra kwalunkwe użu ħażin, imitazzjoni jew evokazzjoni, anki jekk l-oriġini vera tal-prodott tkun indikata jew jekk l-isem protett ikun tradott jew użat flimkien ma' espressjoni bħal stil, tip, metodu, mod, imitazzjoni jew espressjoni simili.

52 Mill-Artikolu 7(1) u mill-Artikolu 8(1)(b) ta' dan ir-regolament jirriżulta li r-redazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet, li għandha tosserva IĠP, tikkostitwixxi stadju neċessarju tal-proċedura ta' reġistrazzjoni. Dan għandu, b'mod partikolari, skont l-Artikolu 7(1)(a) tal-imsemmi regolament, jinkludi l-isem li tintalab il-protezzjoni tiegħu kif "[j]intuża fil-kummerċ jew fil-lingwaġġ komuni".

53 Kif iddeċidiet il-Qorti Ġenerali, essenzjalment, fil-punt 36 tas-sentenza appellata, isem ma jistax jibbenefika mir-reġistrazzjoni bħala IĠP jekk jiġi kkonstatat li dan jevoka isem li huwa diġà rreġistrat bħala DOP. Fil-fatt, kif jirrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 75 tal-konklużjonijiet tiegħu, tali reġistrazzjoni neċessarjament iċċaħħad minn effett utli l-protezzjoni mogħtija lill-isem irreġistrat minn qabel.

54 Huwa minnu li l-Artikolu 13(3) tal-istess regolament jippreċiża li l-Istati Membri għandhom jipprevjenu u jwaqqfu l-użu ta' ismijiet li jevokaw isem irreġistrat bħala DOP jew IĠP li huma mmanifatturati jew ikkummerċjalizzati fit-territorju tagħhom. B'hekk, l-evokazzjoni tista' tiġi kkonstatata biss wara l-evalwazzjoni globali tal-awtoritajiet nazzjonali, li tinkludi l-elementi rilevanti kollha tal-kawża (ara, b'analoġija, is-sentenza tad-9 ta' Settembru 2021, Comité Interprofessionnel du Vin de Champagne, C-783/19, EU:C:2021:713, punt 60).

55 Madankollu, kif fakkret il-Qorti Ġenerali fil-punt 42 tas-sentenza appellata, l-Artikolu 50(1) tar-Regolament Nru 1151/2012 jeżiġi li l-Kummissjoni tivverifika li l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' dan ir-regolament.

56 Sa fejn isem, li jevoka isem diġà rreġistrat, ma jkunx konformi mal-Artikolu 13(1)(b) tar-Regolament Nru 1151/2012, dan ma jistax jibbenefika mill-protezzjoni prevista minn dan ir-regolament. Fil-fatt, ir-rekwiżit li jirriżulta mill-Artikolu 7(1)(a) u mill-Artikolu 8(1)(b) tal-imsemmi regolament, li jipprovdi li, sabiex ikun eliġibbli għar-reġistrazzjoni, l-isem għandu

jissemma fl-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott li jinsabu f'din l-applikazzjoni kif "[j]intuża fil-kummerċ jew fil-lingwaġġ komuni", jimplika neċessarjament użu eżenti minn kull ksur tad-dispożizzjonijiet tal-istess regolament.

57 Barra minn hekk, l-Artikolu 6(3) tar-Regolament Nru 1151/2012 jipprovdi espressament li isem propost għar-reġistrazzjoni li huwa parzjalment jew totalment omonimu ma' isem diġà mniżżel fir-reġistru stabbilit skont l-Artikolu 11 ta' dan ir-regolament ma jistax jiġi rreġistrat, sakemm il-kundizzjonijiet ta' użu lokali u tradizzjonali u l-preżentazzjoni tal-omonimu rreġistrat sussegwentement ikunu distinti biżżejjed fil-prattika mill-isem diġà mniżżel fir-reġistru. Skont din id-dispożizzjoni, l-osservanza tal-protezzjoni mogħtija lil isem irreġistrat minn qabel hija waħda mill-kundizzjonijiet ta' reġistrazzjoni li l-Kummissjoni hija obbligata tivverifika skont l-Artikolu 50(1) ta' dan ir-regolament.

58 Għaldaqstant, il-Kummissjoni hija obbligata, qabel ma tadotta deċiżjoni ta' reġistrazzjoni, tivverifika li l-isem li għalih tintalab ir-reġistrazzjoni ma jkunx jippreġudika l-protezzjoni li jibbenefika minnha, fl-Unjoni kollha, isem ieħor diġà rreġistrat.

59 Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta ddeċidiet, fil-punti 36 u 37 tas-sentenza appellata, li, f'dan il-każ, hija l-Kummissjoni li għandha tivverifika li l-użu tal-ismijiet li tintalab ir-reġistrazzjoni tagħhom ma jiksirx il-protezzjoni kontra l-evokazzjoni prevista fl-Artikolu 13(1)(b) tar-Regolament Nru 1151/2012 li jibbenefika minnha isem irreġistrat bħala DOP.

60 Din il-konklużjoni ma hijiex ikkontestata mill-argument tal-appellanti li din l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali twassal sabiex jiġi kkontestat il-prinċipju ta' koeżistenza bejn isem irreġistrat bħala DOP u isem irreġistrat bħala IĠP.

61 Fil-fatt, minn naħa, huwa paċifiku li l-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li l-prinċipji żviluppati fil-kuntest ta' kull sistema ta' protezzjoni, jistgħu jiġu applikati trasversalment, b'tali mod li tiġi żgurata applikazzjoni koerenti tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-ismijiet u ta' indikazzjonijiet ġeografiċi (sentenza tad-9 ta' Settembru 2021, Comité Interprofessionnel du Vin de Champagne, C-783/19, EU:C:2021:713, punt 32).

62 Min-naħa l-oħra, jista' jkun hemm riskju ta' evokazzjoni indipendentement mis-sistema li jibbenefikaw minnha l-ismijiet diġà rreġistrati u dik li għaliha japplikaw l-ismijiet li tintalab ir-reġistrazzjoni tagħhom. Fil-fatt, huwa paċifiku li l-kunċett ta' "evokazzjoni" jkopri sitwazzjoni li fiha t-terminu użat sabiex jindika prodott ikun jinkorpora parti minn isem protett, b'tali mod li meta l-konsumatur ikun ikkonfrontat bl-isem tal-prodott, l-immaġni li tiskatta f'moħħu tkun dik ta' prodott li jibbenefika minn dan l-isem (sentenza tad-9 ta' Settembru 2021, Comité Interprofessionnel du Vin de Champagne, C-783/19, EU:C:2021:713, punt 55 u l-ġurisprudenza ċċitata).

63 F'dawn iċ-ċirkustanzi, huwa wkoll mingħajr ma twettaq żball ta' liġi li l-Qorti Ġenerali setgħet tikkonstata, fil-punt 39 tas-sentenza appellata, li kien hemm riskju ta' evokazzjoni bejn isem protett bħala DOP u ismijiet li għalihom tintalab ir-reġistrazzjoni bħala IĠP.

64 Sa fejn l-appellanti jikkontestaw l-evalwazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali, fil-punti 38 u 39 tas-sentenza appellata, dwar il-paragun bejn l-ismijiet irreġistrati bħala DOP u l-ismijiet li għalihom tintalab ir-reġistrazzjoni, għandu jitfakkar li dawn l-evalwazzjonijiet fattwali ma jistgħux jiġu kkontestati, bla ħsara għall-każ ta' żnaturament tal-fatti, fl-istadju tal-appell (ara,

f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Settembru 2017, EUIPO vs Instituto dos Vinhos do Douro e do Porto, C-56/16 P, EU:C:2017:693, punt 126). Peress li l-appellanti ma sostnewx tali żnaturament, l-argumenti tagħhom f'dan ir-rigward għandhom jiġu miċħuda bħala inammissibbli.

65 Minn dan isegwi li l-ewwel aggravju għandu jiġi miċħud bħala parzjalment infondat u parzjalment inammissibbli.

Fuq it-tielet aggravju

L-argumenti tal-partijiet

66 Permezz tat-tielet aggravju tagħhom, l-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 51 tar-Regolament Nru 1151/2012 kif ukoll il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba meta rrifjutat li tirrikonoxxi, fil-punt 76 tas-sentenza appellata, li, waqt l-eżami tagħha tal-applikazzjonijiet għal reġistrazzjoni, il-Kummissjoni hija obbligata tieħu inkunsiderazzjoni l-evalwazzjonijiet tal-awtoritajiet u tal-qrati nazzjonali.

67 Il-Kummissjoni titlob li dan l-aggravju jiġi miċħud.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

68 L-ewwel nett, kif ġie deċiż fil-punt 43 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet ġustament li l-Kummissjoni għandha setgħa ta' evalwazzjoni awtonoma fl-eżami tal-applikazzjonijiet għal reġistrazzjoni.

69 Barra minn hekk, mill-Artikolu 52(1) tar-Regolament Nru 1151/2012 jirriżulta li l-Kummissjoni, meta tadotta atti ta' implimentazzjoni li jiċħdu applikazzjoni għal reġistrazzjoni, tibbaża ruħha mhux biss fuq l-eżami mwettaq skont l-Artikolu 50(1) ta' dan ir-regolament, iżda wkoll "abbażi tal-informazzjoni disponibbli", fejn din l-aħħar preċiżazzjoni tinkludi neċessarjament l-informazzjoni trażmessa mill-Istat Membru.

70 Għandu jiġi kkonstatat li l-appellanti, taħt il-pretest li jsostnu li l-Kummissjoni ma kinitx ħadet inkunsiderazzjoni l-evalwazzjonijiet tal-awtoritajiet nazzjonali waqt l-adozzjoni tad-Deċiżjoni kontenzjuża li tikser il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, fir-realtà jsostnu li l-Kummissjoni kienet marbuta b'dawn l-evalwazzjonijiet u kellha, konsegwentement, tagħti r-reġistrazzjoni tal-ismijiet mitluba. Dan l-argument jikkoinċidi ma' dak imressaq insostenn tat-tieni aggravju, li ma ntlaqax.

71 It-tieni nett, l-appellanti jikkontestaw l-evalwazzjonijiet tar-riskju ta' evokazzjoni li għamlet il-Qorti Ġenerali sabiex tikkonferma ċ-ċaħda tal-applikazzjonijiet għal reġistrazzjoni mill-Kummissjoni, mingħajr madankollu ma stabbilixxiet li din il-qorti, billi għamlet dan, wettqet żnaturament tal-provi u tal-fatti.

72 Kif tfakkar fil-punt 64 ta' din is-sentenza, dawn l-evalwazzjonijiet ta' natura fattwali ma jistgħux jiġu kkontestati fl-istadju tal-appell.

73 Konsegwentement, it-tielet aggravju għandu jiġi miċħud bħala parzjalment infondat u parzjalment inammissibbli.

Fuq ir-raba' aggravju

L-argumenti tal-partijiet

74 Permezz tar-raba' aggravju tagħhom, l-appellanti jsostnu, fl-ewwel lok, li, billi ddeċidiet, fil-punti 88, 89 u 94 tas-sentenza appellata, li sinonimità bejn żewġ ismijiet twassal neċessarjament għal evokazzjoni fis-sens tal-Artikolu 13(1)(b) tar-Regolament Nru 1151/2012, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi. B'hekk, is-sinonimità tal-ismijiet ma hijiex suffiċjenti waħedha sabiex twassal għal riskju ta' evokazzjoni, peress li tali konstatazzjoni hija possibbli biss fuq il-bażi ta' evalwazzjoni globali tal-fatti inkluża fil-fajl.

75 Fit-tieni lok, fil-punti 78 u 81 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali, b'mod żbaljat, adottat l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni li tipprovdi li huwa biss pubbliku partikolarment informat li jkollu għarfien tad-differenzi kwalitattivi bejn il-prodotti li l-ismijiet tagħhom huma protetti bħala DOP u dawk li l-ismijiet tagħhom huma s-suġġett ta' applikazzjoni għal reġistrazzjoni bħala IĠP. Fil-fatt, id-differenza fil-prezz bejn il-prodotti kkonċernati tippermetti lill-konsumaturi jiddistingwuhom.

76 Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-argumenti.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

77 Fir-rigward tal-ewwel ilment, għandu jiġi rrilevat li, fil-punt 93 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali fakkret li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni, għall-finijiet tal-evalwazzjoni ta' riskju ta' evokazzjoni, l-isem kollu kif ġie rreġistrat u l-isem li għalih tintalab ir-reġistrazzjoni.

78 Peress li l-appellanti sostnew fl-ewwel istanza li l-eżami tal-evokazzjoni kien jirrigwarda biss it-termini ġeografiċi tal-ismijiet kunfliġġenti, il-Qorti Ġenerali llimitat ruħha li tikkonstata, fil-punt 94 ta' din is-sentenza, li, fid-dawl tas-sinonimità tal-elementi ġeografiċi tal-ismijiet ikkonċernati, jekk jintlaqa' dan l-argument, dan iwassal neċessarjament għall-konstatazzjoni ta' evokazzjoni u jmur kontra l-kawża difiża mill-appellanti. Minn dan isegwi li l-ewwel ilment huwa bbażat fuq qari żbaljat tal-punt 94 tal-imsemmija sentenza.

79 Fir-rigward tat-tieni lment, l-appellanti jikkritikaw lill-Qorti Ġenerali li kkonfermat, fil-punti 78 u 81 tas-sentenza appellata, li huwa biss pubbliku partikolarment avżat li jkollu għarfien tad-differenzi kwalitattivi bejn l-ismijiet protetti bħala DOP u l-ismijiet li għalihom tintalab ir-reġistrazzjoni bħala IĠP, meta d-differenza fil-prezz tal-prodotti inkwistjoni hija indikazzjoni tad-differenza fil-kwalità.

80 Għandu jitfakkar li r-riskju ta' evokazzjoni jiġi stabbilit meta l-użu ta' isem jipproduċi, f'moħħ konsumatur Ewropew medju, normalment informat u raġonevolment attent u avżat, rabta suffiċjentement diretta u inekwivoka bejn dan l-isem u d-DOP. F'dan ir-rigward, l-eżistenza ta' tali rabta tista' tirriżulta minn diversi fatturi, jiġifieri b'mod partikolari, mill-inkorporazzjoni parzjali tad-denominazzjoni protetta, mill-familjarità fonetika u viżiva bejn iż-żewġ ismijiet u mix-xebh li jirriżulta minnha, u anki fl-assenza ta' dawn il-fatturi, mill-prossimità kunċettwali bejn id-DOP u l-isem inkwistjoni jew ukoll mix-xebh bejn il-prodotti koperti minn dan l-istess isem. Fil-kuntest tal-evalwazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni, hija għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-fatturi rilevanti kollha relatati mal-użu tal-isem inkwistjoni (sentenza tad-9 ta' Settembru 2021, Comité Interprofessionnel du Vin de Champagne, C-783/19, EU:C:2021:713, punt 66).

81 Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali ġustament setgħet tqis, fil-punt 83 tas-sentenza appellata, li d-differenza fil-prezz bejn il-prodotti li jibbenefikaw minn protezzjoni bħala DOP u l-prodotti li għalihom ir-reġistrazzjoni ta' isem hija mitluba bħala IĠP ma hijiex waħedha deċiżiva għall-finijiet tal-eliminazzjoni tal-evokazzjoni li tista' tirriżulta mill-evalwazzjoni tal-fatturi mfakkra fil-punt preċedenti ta' din is-sentenza.

82 Fi kwalunkwe każ, billi jsostnu li l-Qorti Ġenerali ma identifikatx b'mod korrett il-pubbliku li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni sabiex jiġi eskluż kull riskju ta' evokazzjoni, l-appellanti jfittxu, essenzjalment, li jikkontestaw il-konstatazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali dwar il-karatteristiċi tal-pubbliku rilevanti. Minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li tali konstatazzjonijiet jaqgħu fil-qasam tal-evalwazzjonijiet ta' natura fattwali li fir-rigward tagħhom il-Qorti Ġenerali għandha ġurisdizzjoni esklużiva (digriet tad-29 ta' Ottubru 2020, Kerry Luxembourg vs EUIPO, C-305/20 P, EU:C:2020:882, punt 18 u l-ġurisprudenza ċċitata).

83 Konsegwentement, ir-raba' aggravju għandu jiġi miċħud bħala parzjalment ineffettiv u parzjalment inammissibbli.

84 Peress li ebda wieħed mill-aggravji invokati insostenn tal-appell ma ntlaqa', dan tal-aħħar għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

Fuq l-ispejjeż

85 Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura, applikabbli għall-proċedura tal-appell bis-saħħa tal-Artikolu 184(1) tal-istess Regoli, il-parti li titlef għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu.

86 Peress li l-appellanti tilfu fl-aggravji tagħhom, hemm lok li huma jiġu kkundannati għall-ispejjeż tagħhom stess kif ukoll għal dawk sostnuti mill-Kummissjoni, kif mitlub mill-Kummissjoni.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-appell huwa miċħud.**

2) **Cunsorziu di i Salamaghji Corsi – Consortium des Charcutiers Corses, Charcuterie Fontana, Costa et Fils, L'Aziana, Charcuterie Passoni, Orezza – Charcuterie la Castagniccia, Salaisons Réunies, Salaisons Joseph Pantaloni, Antoine Semidei u L'Atelu Corsu huma kkundannati, minbarra għall-ispejjeż rispettivi tagħhom, għal dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.**

Firem